2024/2448

3.10.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 131/2024

## tat-12 ta' Ġunju 2024

## li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2024/2448]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473 tat-18 ta' Diċembru 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dwar id-dokumenti ta' informazzjoni, dwar il-kostijiet u t-tariffi inklużi fil-kost massimu u dwar tekniki dwar il-mitigazzjoni tar-riskju tal-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew ([1]) jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/895 tal-24 ta' Frar 2021 i jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' intervent fuq il-prodotti ([2]) jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/896 tal-24 ta' Frar 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-konverġenza tar-rapportar superviżorju ([3]) jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/897 tal-4 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format tar-rapportar superviżorju lill-awtoritajiet kompetenti u l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol ([4]) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31da (ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"31daa. **32021 R 0473**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473 tat-18 ta' Diċembru 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dwar id-dokumenti ta' informazzjoni, dwar il-kostijiet u t-tariffi inklużi fil-kost massimu u dwar tekniki dwar il-mitigazzjoni tar-riskju tal-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (ĠU L 99, 22.3.2021, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Għal-Liechtenstein, fir-rigward tal-kalkoli skont il-paragrafu 26 tal-Anness III, għandu jintuża l-Indiċi Armonizzat Żvizzeru tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP).

([1]) ĠU L 99, 22.3.2021, p. 1.
([2]) ĠU L 197, 4.6.2021, p. 1.
([3]) ĠU L 197, 4.6.2021, p. 5.
([4]) ĠU L 197, 4.6.2021, p. 7.

31dab. **32021 R 0895**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/895 tal-24 ta' Frar 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' intervent fuq il-prodotti (ĠU L 197, 4.6.2021, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Fl-Artikolu 1 sa 7, il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandhom jiddaħħlu wara l-kelma 'EIOPA'.

31dac. **32021 R 0896**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/896 tal-24 ta' Frar 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-konverġenza tar-rapportar superviżorju (ĠU L 197, 4.6.2021, p. 5).

31dad. **32021 R 0897**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/897 tal-4 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format tar-rapportar superviżorju lill-awtoritajiet kompetenti u l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (ĠU L 197, 4.6.2021, p. 7).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Fl-Artikoli 7 u 13(1), il-kliem 'u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandhom jiddaħħlu wara l-kelma 'EIOPA'."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2021/473, (UE) 2021/895 u (UE) 2021/896 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/897 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Ġunju 2024 dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 71/2024 tal-15 ta' Marzu 2024 ([5]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2024.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Nicolas VON LINGEN

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([5]) ĠU L 2024/1626, 4.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1626/oj.